Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,274, 4 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 236 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Digital Games - M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Logħob Diġitali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut tal-Logħob Diġitali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2014 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Digital Games - M.Sc. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Digital Games - M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut tal-Logħob Diġitali, ippubblikati bħala Avviż Legali 311 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom:

(a) grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Kategorija ta' Fuq minn din l-Università fl-oqsma tal-Informazzjoni tat-Teknoloġija, l-Inġinerija, il-Komunikazzjoni, l-Istudji Umanistiċi, ix-Xjenzi Soċjali, jew fi kwalunkwe qasam ieħor meqjus xieraq mill-Bord; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) esperjenza u/jew talent sostanzjali u motivazzjoni kif murija f'CV u f'portafoll ta' xogħlijiet riċenti kif ukoll f'ittra ta' motivazzjoni, li flimkien ikunu meqjusa mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, li jissodisfaw bi sħiħ ir-rekwiżiti għad-dħul fil-Kors."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq sentejn ta' studju fuq bażi *full-time*."

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"5. (1) Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 60 krettu ECTS huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"7. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' mhux aktar minn 60,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord."